SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 56**

**IT-TLIETA 8 TA' NOVEMBRU 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**SKUŻATI:**

***Minħabba raġunijiet ta' mard***

| | |
|---|---|
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti numru 55 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Il-Kunsillier Mario Fava ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta. Is-Segretarju informa wkoll li dwar din it-Triq hu kiteb ukoll lil Perit Lorraine Cassar , il-Perit Daniel Cordina u lis-Sur Simon Grima.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx konferma mill-MEPA UIF dwar il-fondi għar-refurbishment tat-Tennis Court. Is-Sindku nfurmat li dwar il-materja ser issir laqgħa fil-MEPA nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru 2011. Għal din il-laqgħa ser ikun preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li ma kelliex rapporti negattivi dwar Halloween Night. Bl-għajnuna tal-Pulizija kollox mar kif kien ippjanat. Il-Kunsill ġie nfurmat li nkitbet ittra ta' ringrazzjament lil kummissarju tal-Pulizija.

2. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa. Mas-Sur Ivan Vella mit-Transport Malta. Fil-laqgħa ġiet diskussa il-possibilta' li ssir rotta diretta bħal dik ta' qabel ir-riformi "64" jiġifieri li tgħaddi minn San Ġiljan, Sliema u l-Belt. L-uffiċċjal wiegħed li din il-proposta ser tiġi ikkonsidrata.

3. Is-Sindku nfurmat li saret il-presentation dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Jidher li ir-residenti ma kellhomx ilmenti.

4. Is-Sindku nfurmat li tneħħa il-ħajt tas-sejjieħ li kien mibni l-barra fit-Triq ta' l-Ibraġ eżatt faċċata il-lukanda Halland.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.............................)

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret presentation fil-Madliena. Għal din iċ-ċerimonja kien preżenti l-Onorevoli Chris Said. F' din l-attivita tqassmu ittri ta' konferma ta' fondi lil dawk il-Kumitati Amministrattivi li l-proġett tagħhom ġew approvati. Il-proġett tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena, li huwa tindif u landscaping ta' l-art fil-masgar biswit il-Forti Madliena ukoll ġie approvat.

6. Is-Sindku nfurmat li għandha stedina minn Radju Marija biex tieħu sehem fi programm ta' siegħa dwar progress mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku nfurmat li magħha jista' jattendi wkoll kunsillier iehor. Il-Kunsillier Fenech ħa l-inkarigu li jipparteċipa.

7. Is-Sindku nfurmat li dalwaqt ser jispiċċaw il-keep fit courses pero' immedjatament ser jibda iehor f' Jannar.

8. Il-computer courses ser jibdew fid-29 ta' Novembru 2011. Minħabba problemi ta' spazju fil-Kunsill tagħna, dawn ser isiru fil-Kunsill ta' San Ġwann.

9. Is-Sindku nfurmat li qed ikollha ammont konsiderevoli ta' talbiet mingħand resident sabiex tiġi introdotta is-sistema ta' residents parking fit-triq tagħhom. Il-Kunsill ikkonkluda li dan is-suġġett jiġi diskuss mill-Kunsill il ġdid wara Marzu 2012.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

### Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier staqsa l-possibilta' ta' installazzjoni ta' bozza ġdida fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Bir. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jitkellem mall-kuntrattur.

2. Il-Kunsillier irraporta li l-kollezzjoni tar-reciklaġġ iż-żona ta' Villa Rosa mhux qed issir regolari. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jirraporta dan il-kaz lill-kuntrattur ikkonċernat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli..............................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

3. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx rikjesta mill-Kunsill għall-espropjazzjoni ta' art fil-parti ta' fuq ta' Triq ir-Ratal. Is-Sindku nfurmat li saru diversi talbiet pero' kienet ġiet infurmata li fil-preżent it-Transport Malta mhux qed jagħmel espropjazzjoni. Il-Kunsillier issuġerixxa li tinkiteb ittra lill-Onor. Jason Azzopardi Segretarju Parlamentari Lands Department.

4. Il-Kunsillier staqsa il-possibilta' li jsiru parking bays għal muturi fi Triq il-Għajn. Il-Kunsillier indika żewġ postijiet fejn dawn jistgħu jiġu. Il-Kunsill approva.

5. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar minn kien responsabbli li jiddentifika dawk it-toroq tal-Madliena li kellhom il bżonn li jerġaw isiru tarmac minħabba il-ħsarat li dawn kellhom. Is-Sindku nfurmat li ma tafx min kien għamel is-survey.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' kurduni fi Triq il-Marbat. Hu saħaq dwar il-periklu li jeżisti f' din it-Triq. Minħabba kurduni neqsin karozza facilment tista' tibqa niżla ġo l-għalqa ta' taħt it-triq. Is-Segretarju Eżek. ħa l-inkarigu li jerġa jitkellem mall-Foreman tad-distrett (public works).

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier fakkar il-laqgħa li kellha ssir dwar finanzi ma' l-accountant il-ġdid tal-Kunsill KPMG. Is-Segretarju Eżek. informa li l-kumpanija diġa taf dwar il-laqgħa pero' għad ma ġietx iffissat appuntament minħabba pressjoni ta' xogħol li dawn għandhom bħalissa.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx l-ordni tat-tqassim tal-magazin tal-Kunsill mall-Kumpanija 3D. Il-Kunsillier gie nfurmat li l-purchase order diġa saret.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli..............................)

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

3. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux kuntatti mat-Transport Malta dwar il-ħsarat li saru fis-saqaf tal-bridge tas-Swieqi meta kienu qed isiru xogħlijiet ta' kisi ta' tarmac fi Triq Mikiel Anton Vassalli. Il-Kunsillier ġie nfurmat li dwar dawn il-ħsarat, diġa inkitbet ittra lit-Transport Malta.

4. Il-Kunsillier staqsa meta ser jibda il-programm ta' bankini mid-distrett. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħlijiet dalwaqt jibdew.

5. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser issir l-ikla tal-Milied għall-kunsilliera u staff tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li din tiġi diskussa fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

6. Il-Kunsillier irraporta tabella nieqsa ta' isem ta' Triq "Triq in-Nemes". Is-Segretarju Eżek. informa li din diġa ordnata.

7. Il-Kunsillieri issuġerixxa li l-laqgħat mall-Kuntratur li qed jibni fi l-parti ta'fuq Triq is-Swieqi għandhom isiru fuq is-sit jew fil-ġnien b' hekk wieħed ikun jista jispjega aħjar x' qed jiġri fuq il-post.

8. Il-Kunsillier talab li fl-iskeda tal-pagamenti dawk il-kontijiet relatati mall-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena għandhom ikunu indikati kif ukoll approvati mill-istess kumitat.

9. Il-Kunsillier talab għal kopja aġġornati ta' reġistru eletorat tal-lokal tas-Swieqi.

10. Il-Kunsillier talab sabiex fil-ġonna fejn hemm il-bandli isiru tabelli li jindikaw l-eta ta' dawk li jistgħu jużaw il-bandli.

11. Laqgha Pubblika tal-Lokalita'.
    Wara diskussjoni il-Kunsill ideċieda li din issir nhar l-erbgħa 14 ta' Diċembru fis-Sala Parrokjali fis-6.00p.m. Ġie deċiż li d-data tiġi ppublikata wkoll fuq il-magazin tal-Kunsill li ser jitqassam sa l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2011.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Ġiet ippreżentata ittra ta' konferma li l-proġett ta' tindif u landscaping fil-viċinanza tal-Madliena Fort ġie approvat. Għal dawn ix-xogħlijiet, il-Gvern Ċentrali ser jgħaddi lill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena €19800.00

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li fi Triq il-Keffa eżatt quddiem Exclusive Properties xi ħadd mhux mgħaruf bena sieqja fit-triq biex iżomm l-ilma milli jidħol ġo garaxxijiet. Residenti ilmenta li meta għaddej bil-karozza minn fuqha għamel ħsarat fir-rota tal-vettura tiegħu. Ir-resident qed jitlob sabiex din titneħħa mill-aktar fis. Is-Segretarju Eżek. informa li din saret mingħajr permess. Il-Kunsill talab li din għandha titneħħa mill-aktar fis possibli.

3. Ġiet ippreżentata korrispondenza mingħand resident sabiex jitneħħew it-traffic calmer mill-parti ta' fuq ta' Triq ta' l-Ibrag. Il-Kunsill ikkonkluda li dawn saru bl-approvazzjoni mit-Transport Malta minħabba l-aċċidenti li ta' sikwit kienu jsiru f' din il-parti tat-Triq.

4. Ġiet ippreżentata korrispondenza mingħand resident li joqgħod fit-Triq il-Molletta. Din titratta dwar siġra Buganvilla miżrugħa fuq il-bankina. Ir-Resident qed jitlob li din għandha tinqala' mhux tinżabar. Il-Kunsill ikkonkluda li ssir żjara fuq il-post mill-rappreżentanza tal-Kunsill.

5. Inqrat korrispondenza mingħand Joseph Saetta inkarigat mill-ħaddiem ta' l-IPSL. Din l-ittra titratta dwar kundizzjoni ta' xogħol ta' dawk il-ħaddiema stazzjonati mall-Kunsill. Il-Kunsill talab li kopja ta' l-ittra għandha tingħata lill-ħaddiem stazzjonat ma' dawn il-Kunsill.

6. Is-Segretarju Eżek. ippreżenta kwotazzjonijiet.
   Kwotazzjoni ta' €480.00 għal bdil ta' safety equipment fil-ġonna fejn hemm il-bandli. Il-Kunsill qabel mall-kwotazzjoni u talab biex ix-xogħlijiet isiru mill-aktar fis.
   Kwotazzjoni oħra dwar dawl ġdid fuq arblu fi Triq is-Sidra €4130.00. Il-Kunsill ideċieda li dawn ix-xogħlijiet isiru pero' minħabba li l-kwotazzjoni hija għolja jiġi installati 2 arbli flok 3. Il-Kunsill approva wkoll installazzjoni ġdida fi Triq il-Ġiżi bejn wieħed u iehor €320.00

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

7. Il-Kunsill iddiskuta wkoll talba ta' resident minn Triq il-Giebja. Dan ir-resident qed jitlob li tinqala' t-traffic calmers f' din it-Triq minħabba il-ħsejjes li l-vetturi kbar qed jagħmlu meta dawn joħorġu mis-siti ta' fejn qed isir il-kostruzzjoni fil-viċinanza. Il-Kunsill qabel li din tibqa minħabba il-periklu li jeżisti f' din it-Triq.

## VII APPROVAZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-8.00p.m. u sar aġġornament għal nhar il-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011 fil-5.00p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**